MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 16/2013

**Appell Numru: 16/2013**

**Il-Pulizija
Vs
Patrick Spiteri**

Illum, 11 ta' Lulju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Patrick Spiteri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 43465M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Marzu, 2012, April, 2012 u Mejju, 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Silvana Spiteri u/jew lil ibnhu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahrejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.
Rat ir-rikors tal-appellant Patrick Spiteri minnu pprezentat fit-23 ta' Jannar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellate fit-totalita` taghha, u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni u, okkorrendo l-kaz, subordinatament tirriforma s-sentenza appellata u tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-
1. Paralleli mal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kienet ghaddeja kawza kostituzzjonali fl-ismijiet Patrick Spiteri vs Avukat Generali et liema kawza illum tinsab differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Jannar 2013. Kif jirrizulta mill-verbali esebit seduta stante quddiem l-Ewwel Qorti, l-esponent ghamel ghal talba biex dawn il-proceduri jigu sospizi pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali li tincidi direttament fuq l-ezitu ta' dawn il- proceduri. Dan qieghed jinghad ghaliex il-kawza kostituzzj onali appuntu titratta dwar id-dritt li l-esponent jappella mid-digriet ta' manteniment li abbazi tieghu huwa gie kkundannat il-piena karcerarja odjerna. Illi l-Ewwel Qorti ma ikkoncediet l-ebda differiment u cahdet it-talba ghas-soprasessjoni u pprocediet ghall-prolazzjoni tas-sentenza li minnha qieghed isir dan l-umli appell. Illi l-esponent ihossu aggravat b'dan kollu stante li l-Ewwel Qorti diga kienet ordnata f'kawzi simili quddiemha li tissoprassjedi pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali meta din kienet in prim'istanza, liema ordni giet revokata mal-ghoti tad-

decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), liema sentenza giet eventwalment appellata u ghadha pendenti. Illi l-esponent ghaldaqstant ihossu aggravat, illi nonostante l-pregudizzju li kien se jsofri, l-Ewwel Qorti baqghat ghaddejja bil-prolazzjoni tas-sentenza minkejja li kien hemm talba cara sabiex dawn il-proceduri jistennew l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali.

2. Illi fit-tieni lok l-esponent jissottometti illi Silvana Spiteri bejn Lulju u Awissu 2009 kienet bieghhet kwantita ta' pitturi ta' valur u zammet ir-rikavat derivanti minn dawn il pitturi kollha ghaliha, meta fl-aghar ipotesi nofs il-valur taghhom kien jispetta lill-esponenti. Qieghed jinghad fl-aghar ipotesi peress li l-esponent isostni li xi whud minnhom kienu pitturi parafernali. Illi prova ta' dan hija s-sentenza fi-ismijiet "Il-Pulizija vs Sylvana Spiteri" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Mejju 2012. Illi Sylvana Spiteri f'dawk il-proceduri kienet akkuzata li bieghhet xi pitturi li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali ad insaputa tal-esponenti.

Illi l-Ewwel Qorti kienet sabet lil Sylvana Spiteri hatja tal-akkuza dedotti kontra taghha pero l-Qorti ta' l-Appell illiberata peress li qalet illi filwaqt li jirrizulta fil-fatt li hi kienet agixxiet b'dak il-mod peress ii ma kinitx qieghdha tircievi manteniment. Fil-fehma tal-esponent, bir-rispett kollu lejn dik il-Qorti, huwa ragunament kemmxejn perikoluz. Pero lil hinn minn din il-preokkupazzjoni, l-esponent jissottometti illi nonostante li kien hemm dan il-pronunzjament huwa xorta gie misjub hati u kkundannat illi ma ssoministrax manteniment ghax-xhur ta' Marzu 2012, April 2012 u Mejju 2012 u u cioe meta Silvana Spiteri kellha f' idejha r-rikavat tal-pitturi li kien bizzejjed biex ikopri diversi snin ta' manteniment. Kwindi jekk din is-sentenza tigi konfermata l-esponent ikun qieghed jinstab hati ghal nuqqas ta' hlas mantenment li diga gie sodisfatt b'mod iehor u kif accettat mill-istess kwerelanti.

Illi l-esponent jissottometti illi jkun ferm ingust illi huwa jigi kkundannat ghaliex ma ssominstrax manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuza odjerna meta Sylvana Spiteri kellha f' idejha flus tal-komunjoni u parafemali tal-esponenti li hi

stess tistqarr li kienet qed tpacihom mal-manteniment. Ta' min jirrileva illi fix-xhur tas-sajf tal-2012 l-esponent hallas is-somma ta' €12,600 ghall-manteniment tax-xhur ta' Frar sa Settembru 2010 u ghax-xhur minn Awwissu 2009 sa Dicembru 2009 u Jannar 2010. Lill-kwerelanti u kwindi zgur li l-flus li hi rrikavat mill-bejgh tal-pitturi ma tistghax tirreklamahom ghall-istess xhur.

Illi li kieku din il-Qorti kellha tikkonferma s-sentenza appellata, Sylvana Spiteri tkun qieghdha tigi ppremjata b'manteniment doppju stante li fi kliemha stess hi kienet arrogat lilha nnifisha d-dritt li tbiegh l-imsemmija pitturi in sodisfazzjoni tal-manteniment. Illi din il-Qorti tista' wkoll tapprezza l-animu li bih timxi l-istess Silvana Spiteri, illi minkejja li qalet illi bieghet il-pitturi ghaliex ma kinitx qed tircievi mantenmiment, xorta wahda ghamlet rapporti li eventwalment wasslu ghall-kundanna tal-esponent ghall-perjodi li suppost kienu sodisfatti bil-flus rikavati mill-bejgh tal-istess pitturi. Li ghaldaqstant l-esponent kien gustifikat, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, li jsostni li l-manteniment ghax-xhur in kwisjtoni kien sodisfatt.

3. Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tal-kundanna tieghu ghan-nuqqas ta' hlas ta' mantenment tat-tifel minuri. Illi l-kwerelanta ammettiet fuq il-pedana tax-xhieda illi mit-tlett xhur imsemmijin fl-akkuza, kienu biss tmint (8) ijiem li l-minuri kien maghha. Kwindi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li l-granet kollha l-ohra l-istess minuri kien fil-kura u kustodja tal-esponent li pprovdielu ghal dak kollu li kellu bzonn kif ghadu jaghmel sal-guranta tal-lum. Illi filwaqt li hemm l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), l-Ewwel Qorti kellha tkun inqas harxa mal-esponent meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi hija ingustizzja kbira li l-esponenti, li qieghed jipprovdi dak kollu li ghandu bzonn ibnu, liema iben ghazel liberament li jmur jghix ma missieru, ikollu jiffaccja pieni ta' prigunerija ghan-nuqqas ta' tharis ta' ordni ta' manteniment meta kieku ma kienx hu l-istess tifel jisfa litteralment ta' fuqu senduqu stante li ommu ma tipprovdi bi-ebda mod ghall-ghajxien tieghu. Illi tkun ingustizzja kbira li kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkonferma s-sentenza ta' prigunerija bil-konsegwenza illi l-istess minuri

f salt wiehed jispicca minghajr hadd ma jkun jista’ jkompli jipprovdilu ghall-ghejxien tieghu. Illi dak li l-ligi trid thares b’disposizzjonijiet ta’ din ix-xorta hi li l-minuri jibqa’ jkollhom is-sostenn finanzjarju minghand il-genituri taghhom, haga li l-esponent qieghed jaghmel bl-ahjar abilita tieghu u kwindi huwa kontro-sens li filwaqt li qieghed jipprovdi dak kollu necessarju ghal ibnu, huwa jigi penalizzat ghaliex mhux qieghed jissoministra manteniment ghalih lill-kwerelanta meta l-istess minuri mhux qieghed ikun fil-kura u kustodja taghha!

4. Illi l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti u cioe xahrejn prigunerija. Illi din il-piena hija wahda ghal kollox sproporzjonata u mhux skond il-ligi u dan anke fid-dawl li l-istess Qorti giet infurmata bl-isforz li kien ghamel matul is-sajf 2012 l-esponenti biex ivversa s-somma ta’ 12,600 Ewro lill-parte civile in sodisfazzjoni tal-manteninent ghax-xhur minn Frar sa Settembru 2010 u ghax-xhur minn Awwissu 2009 sa Dicembru 2009 u Jannar 2010. Illi certament il-Qorti keliha tiehu in konsiderazzjoni illi l-esponent kien ghadu kemm ivversa ammont sostanzjali ta’ manteniment wara li kien issellef l-istess flus pero huwa ma jistghax jaghmel mirakli. Illi l-esponent qatt ma seta’ jinghata l-piena ta’ prigunerija stante li huwa ma giex moghti l-akkuza tar-recediva. Illi ma jiswa xejn li l-Qorti tista’ tkun konxja li gew inflitti pieni simili ghal akkuzi simili ghaliex hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u jekk ma nghatax l-akkuza tar-recidiva ma setghetx il-Qorti titratta lill-esponent bhala wiehed recediv u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija. Di piu, lanqas ma saret tali prova kif trid il-ligi. illi di piu’ l-Ewwel Qorti, anke kieku stess kienet konxja li nghataw sentenzi minnha li kienu irrigwardaw sentenzi simili fil-konfront tal-esponenti, qatt ma setghet tapplika l-piena ta’ prigunerija jew detenzjoni stante li fil-mument li tat is-sentenza ma kellhiex lanqas l-opportunita’ li tikkonferma jekk l-istess sentenzi gewx appellati jew le. Kwindi, semmai, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji fil-mertu, l-uniku piena li setghet tapplika l-Ewwel Qorti kienu dawk imsemmija fl-artikolu 7 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi illi l-appellant kien mizzewweg lil Silvana Spiteri u minn dan iz-zwieg kien hemm tifel. Sfortunatament dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw permezz ta' digriet f'Awwissu tal-elfejn u tmienja (2008). Il-parti leza, Silvana Spiteri, giet akkordata ammont ta' manteniment ghaliha u ghat-tifel taghha. Dan id-digriet tbiddel fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) però l-appellant baqa' moruz fil-hlas tal-manteniment ghax-xhur ta' Marzu, April u Mejju tal-elfejn u tnax (2012). L-appellant spjega illi fl-elfejn u disgha (2009) spicca l-introjtu illi huwa kellu mill-Italja u ma setax jibqa' jhallas l-ammonti ta' manteniment illi kien originarjament ikkuntratta li jhallas. Barra minn hekk gie zgumbrat minn daru u kellu jikri. Meta kien hemm okkazjoni li jaccedi d-dar tieghu sabha vojta kompletament mill-ghamara u attrezzi li kien hemm. Ghalhekk beda jaghti xi konsulenzi kummercjali sabiex ikollu xi introjtu, li kien wiehed limitat. Kien ghamel rikors sabiex inaqqas il-manteniment izda dana gie michud u hawnhekk bdew sensila ta' kawzi kontra kawzi ghall-manteniment. Ghax-xhur inkwistjoni l-appellant allega illi dawn thallsu permezz ta' tpacija wara illi martu Silvana kienet bieghet il-pitturi li kellhom id-dar minghajr il-kunsens tieghu. Ammetta, però, illi effettivament huwa ma hallasx ghal dawk it-tlett (3) xhur bejn Marzu u Mejju tal-elfejn u tnax (2012).

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma jistax jeccepixxi t-tpacija f'dawn ic-cirkostanzi. Jekk verament irrizulta illi martu bieghet xi pitturi, b'daqshekk ma jfissirx illi huwa gie mehlus mill-obbligi tieghu awtomatikament minghajr il-kunsens tal-parti leza. Irrizulta illi Silvana Spiteri ma tatx dan il-kunsens sabiex tigi operata xi forma ta' tpacija bejnha u bejn l-appellant u kwindi din it-tpacija ma tistax topera. Lanqas ma jista' l-appellant jirraguna illi huwa safa bla xoghol jew naqas l-introjtu tieghu b'tali mod illi ma setax ihallas. Fil-kawza deciza fil-15 ta' Lulju 1998 mill-Appell Kriminali, Il-Pulizija versus Anthony Saliba, il-Qorti

qalet, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment dovut anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant .... Ir-rimedju li kellu l-appellant hu li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex dina, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."

Il-parti leza tghid illi l-ahhar digriet ta' modifika sar fit-tlettax (13) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) u cioé wara d-dati li jikkoncernaw din ic-citazzjoni. Ghalhekk l-appellant jibqa' obbligat li jhallas skont id-digriet precedenti. U ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex issib htija. Però fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-parti civili, Silvana Spiteri, dehret il-Qorti u infurmataha illi fil-frattemp l-appellant kien hallas l-ammonti dovuti skont ic-citazzjoni u ghal dak li jirrigwarda din l-istess citazzjoni hi ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

Ikkunsidrat:

Sitwazzjoni bhal din ma taghmilx differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija. L-appellant kien obbligat illi huwa jhallas il-mantenitment fi zmien hmistax-il (15) gurnata minn meta dana jkun dovut. Irrizulta ampjament ippruvat illi l-appellant ma hallasx dan il-manteniment fit-terminu indikat. Ghalhekk id-dikjarazzjoni ta' htija tal-ewwel Qorti ghandha tibqa' u tkun ikkonfermata. Però, din il-Qorti mhiex aversa ghas-sitwazzjoni tal-appellant wara li huwa hallas il-manteniment dovut fil-mori ta' dan l-appell u jista' jkun il-kaz ta' temperament fil-piena. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said" deciza fil-25 ta' Settembru 2003 il-Qorti qalet, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-emenda tal-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-

ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". U dak huwa proprju dak illi gara f'dan il-kaz. Evidentement l-appellant hassu ippressat bis-sentenza tal-ewwel Qorti illi kienet ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija u dan kien bizzejjed sabiex igieghelu jaqdi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu, kif ghal dak li jirrigwarda din il-kawza, ghamel. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell in parte, tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet htija u tirriformaha in kwantu baghtet lill-appellant ghal perjodu ta' prigunerija, u minfok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------